

TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA



EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTIEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Stampa u Informazzjoni

KOMUNIKAT STAMPA Nru 13/05

18 ta' Frar 2005

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA – STATISTIKA ĠUDIZZJARJA TA' L-2004

L-2004 – L-aktar sena produttiva fl-istorja tal-Qorti

Is-sena 2004 kienet l-iktar sena produttiva fl-istorja tal-Qorti: dan jirriżulta mill-aħħar statistika dwar l-attività ġudizzjarja tal-Qorti. Il-Qorti qatt ma għalqet daqstant kawżi – in-numru qed jiżdied b'rata ta' 30% meta mqabbel mas-sena preċedenti. In-numru ta' kawżi pendenti saħansitra seta' jitnaqqas b'madwar 14%, u b'riżultat ta' dan it-tul taż-żmien medju tal-proċedura quddiem il-Qorti ġie mqassar b'mod sinifikattiv.

Dan it-titjib nett fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea ma ġarax b'kumbinazzjoni. Huwa r-riżultat ta' studju li sar fil-bidu ta' l-2004 mill-Qorti dwar il-metodi tagħha ta' xogħol: dan wassal għall-adozzjoni ta' numru ta' miżuri, li ġew implementati progressivament mix-xahar ta' Mejju 2004, intiżi sabiex itejjbu l-effiċjenza ta' l-Istituzzjoni kif ukoll sabiex inaqqsu t-tul taż-żmien medju tal-proċeduri.

Barra minn hekk, kien ukoll it-Trattat ta' Nizza, li daħal fis-seħħ fi Frar 2003, li ġab numru ta' bidliet fil-mod ta' kif taħdem il-Qorti. Fost dawn il-bidliet hemm is-setgħa tal-Qorti, f'ċerti ċirkostanzi, li tiddeċiedi mingħajr l-intervent ta' l-Avukat Ġenerali. L-effett ta' dawn il-bidliet diġà nħass b'mod ċar matul l-2004.

Fl-aħħar, wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, ġew maħtura għaxar imħallfin ġodda mal-Qorti: din il-ħatra seħħet flimkien ma' żjeda konsiderevoli tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b'konsegwenza, tal-kapaċità ta' dawn ta' l-aħħar li jlaħħqu mal-volum tax-xogħol.

Il-Qorti għaldaqstant għalqet 665 kawża fl-2004. Dawn il-figuri juru żjeda sostanzjali meta mqabbla mas-snin preċedenti (494 kawża magħluqa fl-2003, 513 fl-2002, 434 fl-2001 u 526 fl-2000). Minn naħa l-oħra, infetħu 531 kawża ġdida quddiem il-Qorti meta mqabbla mal-561 ta' l-2003: dan il-bilanċ favorevoli bejn il-kawżi magħluqa u l-kawżi l-ġodda loġikament wassal għal tnaqqis fin-numru tal-kawżi pendenti quddiem il-Qorti, li kienu telgħu sa 840 fl-aħħar ta' l-2004 (974 fl-aħħar tas-sena 2003). In-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2004 huwa għalhekk inferjuri għall-figuri li jikkorrispondu għall-aħħar ħames snin.

Fl-2004 twaqqfet it-tendenza taż-żjeda fit-tul taż-żmien tal-proċeduri, fenomenu li kien qed jiġi osservat matul dawn l-aħħar snin. Fi żmien sena, iż-żmien medju ta' rinviu għal deċiżjoni preliminari niżel minn 25 għal 23 xahar. It-tnaqqis huwa ħafna iktar sinifikattiv fil-każ tar-rikorsi diretti: illum dawn jiġu pproċessati f' 20 xahar minflok f' 25 xahar kif kien il-każ fl-2003. Għall-appelli, 21 xahar huma biżżejjed (28 xahar fl-2003).

Dan it-titjib fl-istatistika gudiżzarja seta' jinkiseb ukoll bis-saħħa ta' l-istrumenti li tid-disponi minnhom il-Qorti sabiex ċerti kawżi jiġu mħaffa (deċiżjoni bi prijorità, proċedura mħaffa, proċedura semplifikata u possibiltà li tittieħed deċiżjoni mingħajr il-Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali). Ta' min jintqal li madwar 30% tas-sentenzi mogħtija fl-2004 ma kellhomx Konklużjonijiet.

L-iżviluppi fl-assenjazzjoni tal-kawżi bejn l-Awli Ġurisdizzjonali tal-Qorti jistħoqqilhom ukoll li jiġu msemmija. L-Awli b'ħames imħallfin qegħdin jittrattaw iktar u iktar kawżi u qegħdin isiru l-kulleġġ gudiċanti ordinarju li jisma' l-kawżi tal-Qorti. Fl-2004, huma mexxew 54% tal-kawżi – il-kawżi l-oħra kienu mqassma bejn l-Awli bi tlett imħallfin (34% tal-kawżi) u dawk plenarji (12% tal-kawżi).

Għaldaqstant, l-andament pożittiv ta' l-istatistika gudiżzarja tal-Qorti mhuwiex ir-riżultat ta' sitwazzjonijiet partikolari jew ta' ċirkostanzi speċjali. Huma l-konsegwenza ta' numru ta' bidliet strutturali li twettqu fi ħdan l-organizzazzjoni tal-Qorti u fl-iżvolġiment tal-proċeduri tagħha. L-effett, li seta' diġà jiġi nnutat fl-aħħar tas-sena 2004, ta' miżuri li ġew fis-seħħ f'Mejju ta' l-istess sena, jippermetti li wieħed jawgura li t-tendenzi li ġew innutati fl-2004 jiġu kkonfermati fis-snin li ġejjin għall-benefiċċju ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja komunitarja effiċjenti u ta' kwalità.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja

Lingwi disponibbli: kollha

Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell

Tel: (00352) 4303 3355 Fax: (00352) 4303 2731